# IL-PALK MALTI

*Ta'* H. Born, O.P.

JAF kulħadd li x-xejra li ħa l-Malti minn xi ħamsa u għoxrin sena 'l hawn hija kbira u, għalkemm kbir kien it-tfixkil, il-lum bdejna naraw li ż-żerriegħa li nżergħet f'dawk iż-żmenijiet mhux biss xettlet imma tatna sigar u frott li bihom ninsabu mkabbrin. Dehru kotba ta' poeżija u proża li jixirqilhom joqogħdu ħdejn kotba miktugħa b'ilsna oħrajn bla misthija ta' xejn; rajna żgħażagħ li ħassew il kellhom biex jiftaħru li għandhom ilsien sabiħ li jista' jfisser ħsibijiethom b'kitba mirquma u armonjuża.

Dehret ukoll il-kitba tal-palk, imma hawn jinħtieġ nistqarru li għadna ftit lura. Ma jmissux kien hekk għaliex jekk hawn xi kitba li tista' tħajrek biex tidħol għaliha hija sewwa sew il-kitba għall-palk: kittieb ta' poeżiji jista' jaqta' qalbu għax jibża' li mhux kulħadd huwa mxengel lejn dik is-sura ta' kitba; kittieb tal-proża jista' jwaħħal f'moħħu li mhux sa jsib nies biżżejjed li jħobbu l-qari. Imma min jikteb għall-palk jaf tajjeb li l-kitba tiegħu sa tiġi mismugħa minn swali miżgħudin bin-nies. Jaf tajjeb li l-lum li hawn bosta kumpanniji li huma għatxana għal kitba ġdida, ix-xogħol tiegħu jekk ikun tajjeb, malajr jinħataf. Mela dan ifisser li l-kitba għall-palk, jekk mhux iżjed minn kitba oħra, imissha mxiet 'il quddiem daqsha.

Niftiehmu sewwa. Xi kitba tal-palk tidher sikwit. Imma mhux kull kitba tal-palk jixirqilha dan l-isem. Hemm kumpanniji li qegħdin iduru għal subgħajhom bħall-qarnita u jfittxu d-drammi u l-farsi antiki, u hemm oħrajn li sikwit qegħdin isemmgħuna xogħlijiet miktubin ta' malajr u bil-għaġla u li fit-tfassila letterarja tagħhom jistgħu jitqiesu ma' dawk li kienu jinkitbu xi ħamsin sena ilu. Imħabba f'hekk, in-nies li tmur tisma', mhux biss qiegħda żżomm ruħha marbuta ma' dik is-sura ta' kitba qadima, imma x'aktarx ma tifhemx u tmaqdar xogħlijiet li jixirqu liż-żmien tal-lum.

Ma rridux inwaqqgħu fit-tajn dak li nkiteb qabel. Xejn minn dan. Ġie li deher xogħol Malti għall palk li għadu jinstama' sabiħ sal-lum. Imma jinħtieġ nifhmuha li fil-mixja tal-letteratura kollox jimxi flimkien u, jekk imxiet il-poeżija u l-proża, id f'id magħhom għandha wkoll timxi l-kitba tal-palk. Dawk li kitbu dari, kieku kienu jgħixu fiż-żmenijiet tagħna,

kienu jkunu l-ewwel nies li jifhmu dil-haġa u kienu jagħtuna xogħlijiet li jixirqu 'l-letteratura Maltija tal-lum.

Issib min igħidlek li huma n-nies li jmexxuk fil-kitba. Jekk tridhom jiġu jisimgħuk trid tara x'jogħġobhom u x'ma jogħġobhomx u mbagħad tagħtihom biss dak li jħobbu huma. Ma għandniex xi ngħidu, dan huwa kollu minnu. Imma mhux sa barra. Iridu jkunu wkoll il-kittieba li b'sabar kbir u b'rieda qawwija, iwarrbu dak li hu ħażin u, ftit ftit, jerfgħu l-moħħ tal-poplu mill-qiegħa li xi drabi jkun jinsab fuqha. Jekk jisimgħu l-lum u jisimgħu għada, jibdew biex widnejhom tidra l-ħlewwa u l-qawwa tal-letteratura tal-lum u jasal żmien meta ma jkunux iridu jafu b'ħaġ'oħra.

Ta' min iżomm quddiem għajnejh li kitba tal-palk ħażina tista' ttellef mhux biss dik li hija togħma tal-palk imma wkoll xejriet ta' kitba oħra. Għalhekk huwa dmir tal-kittieba tal-lum li jqumu min-nagħsa li huma fiha u, b'rieda qawwija ma jiqgħu qatt li jiktbu għall-palk xogħlijiet li ma jixirqux lill-kitba tagħhom f'fergħat oħrajn. Artijiet oħra kellhom it-tfixkil li għandna aħna l-lum, għaddew mill-istess ilma tagħna, imma waslu fejn kellhom jaslu. Dan nistgħu nagħmluh aħna wkoll. Billi aħna ċkejknin, jista' jkun li jkollna nitħabtu aktar; imma l-lum jew għada naslu.

Imma mhux biss il-kittieba jridu jkunu. Jinħtieġ li jkun hemm min jagħmlilhom il-qalb. Jistgħu jsiru aktar konkorsi milli saru s'issa. Għax ngħiduha kif inhi: konkors isirlek kull mitt sena u terġa' u tgħid mhux dejjem jitmexxa tajjeb biżżejjed biex iħajrek. Il-konkorsi jinħtieġ li jsiru ta' sikwit u sewwa u ssir ħidma qawwija biex jinġibed interess fuqhom mhux minn min jidħol għall-konkorsi biss imma minn kulħadd. Ngħajtu aktar biex inbigħu iżjed.

U mbagħad ħaġ'oħra wkoll. Xejn ma hemm li jfixkel xogħol letterarju aktar milli meta jinqara ħażin. Billi jkun letterarju dejjem, ftit jew wisq, ikun itqal minn xogħol ieħor u għalhekk, bejn it-toqol tiegħu u bejn li jinqara ħażin u xi drabi bla ħajja, min jisma' xejn ma jinġibed lejh. Kitba tal-palk tajba (u ma' din ngħoddu r-*radio plays*), jinħtieġ li jintelqu f'idejn l-aħjar nies li bil-ħila tagħhom ikunu jistgħu jfissru ħsieb il-kittieb bis-sengħa kollha u b'dawk l-ilwien li mingħajrhom tiksaħ u tibqa' biered.

Min jaqleb għall-Malti kitba tal-palk barranija xejn ma għandu għax jaħseb li ma jkunx qed jagħmel xogħol siewi. Ikun qiegħed jagħmel ħidma tassew kbira. Wisq aktar aħjar minn dawk li kull darba jduru mal-lewża u jagħtuna dejjem l-istess ħaġa b'libsa oħra, min jaqleb xogħlijiet barranin għall-Malti jkun qiegħed ifehemna bl-iisien tagħna kif ħasbu mħuħ kbar li faħħrithom id-dinja kollha. Kemm sa ndumu nidħku bil-missier xiħ li bintu jew ibnu jridu jitgħarrsu bil-moħbi, u bl-injoranza eżaġerata tas-seftur? Dil-qoffa tielgħa u oħra nieżla jridu jinqatgħu u nibdew nimirħu fi ħsibijiet ġodda miktubin għan-nies f'sura sabiħa u li tkun tixraq lil-letteratura tal-lum.